MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2012

Numru. 905/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Nicholas Dimech**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Nicholas Dimech detentur tal-karta tal-identita` numru 301779(M).

Akkuzat talli:
F'Ta' Sliema, fis-7 ta' Settembru 2009, jew fil-jiem u x-xhur ta' qabel, fil-kapacita` tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd;

Kif ukoll talli fit-22 ta’ Awwissu 2010, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat in-nota tal-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub fl-artikoli:

(a) Fl-artikoli 18, 115(a) u 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) Fl-artikoli 18 u 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(c) Fl-artikoli 10, 17, 23, 30, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Nicholas Dimech huwa akkuzat fost affarijiet ohrajn taht l-Artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dik ta’ korruzzjoni. Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti – illi l-imputat kien is-Sindku tal-Kunsill Lokali ta’ tas-Sliema qabel ma kellu jirrizenzja minhabba dan il-kaz. Illi gara illi

l-kunsill kienu fethu *tenders* ta' *contracts manager* sabiex jissorvelja x-xoghlijiet li jsiru fil-lokal.

Illi rrizuta li t-*tender* inghata lil certu Stephen Buhagiar li sussegwentement ghamel rapport lill-pulizija li l-imputat avvicinah fil-kapacita` tieghu ta'sindku ta' tas-Sliema u kien talbu *commission* fuq l-ammont tal-kuntratt moghti lilu. Din il-*commission* kienet intalbet fil-perjodu ta' bejn is-sottomissjoni tal-offerta ta' Buhagiar lill-Kunsill u cioe` Awwissu 2009 u d-data li l-Kunsill kien iddecieda li jaghzlu bhala *contracts manager.* Illi hareg ukoll illi l-offerta ta' Stephen Buhagiar kienet l-orhos offerta li kienet giet offruta lill-Kunsill ta' Tas-Sliema.

Il-Qorti rat l-ittra ta' Martin Bugelli a fol 79 fejn talab lill-Kumissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga l-kaz u dan fuq rapport tal-istess Stephen Buhagiar.

**<u>Provi</u>**

Ezaminat bir-reqqa ix-xhieda ta' Stephen Buhagiar li huwa x-xhud ewlieni f'dawn il-proceduri. Illi minn din ix-xhieda huwa jispjega illi kien hbieb tal-imputat fejn kien jiffrekwenta ta' spiss il-Kunsill ta' Tas-Sliema qabel ma lahaq *contracts manager*. Huwa jixhed illi tefa l-offerta lill-Kunsill fl-ammont ta' EUR1,200 fix-xahar. Jispjega illi fix-xahar ta' Awwissu 2009 u cioe` qabel inghata dan il-kutratt, kien fl-ufficcju tal-imputat li kien is-Sindku dak iz-zmien, u dan tal-ahhar qallu *"int kemm tista toffri, 10 jew 5 %"*.

Buhagiar jispjega wkoll illi wara din il-proposta minghand Dimech huwa qallu dawn il-kliem *"isma, inti jidhirlek li nista' naghti persentagg minn elf u mitejn euro fix-xahar?"* Buhagiar jispjega li mbaghad d-diskors waqaf hemm u hu gie moghti eventwalment it-*tender.*

Wara diversi xhur, hu jghid li beda jinnota movimenti kontrih sakemm dan ma gie mnehhi permezz ta' mozjoni tal-Kunsill ta' Tas-Sliema. Kien hemmhekk illi ddecieda li jiftah qalbu u jikxef dak li kien qallu l-imputat rigward il-

*commission* u dan qalha lil Dr. Paul Borg Olivier li minn hemm informa lil Martin Bugelli.

Illi meta wiehed jiehu din ix-xhieda u jqabbilha mal-istqarrijiet tal-imputat; li huma l-uniku testimonjanza tal-imputat li wara kollox ma kienx hemm kontestazzjoni fuqhom mid-difiza stante illi l-kontestazzjoni taghhom hija wahda purament legali; wiehed jinnota u jara illi per ezempju fit-tieni stqarrija tieghu datata 11 ta' Awwissu 2010 (hin 1555hrs) l-imputat qal hekk:

***"M. Sur Dimech aktar qabel illim, inti rrilaxxajt stqarrija rigward allegazzjoni fejn inti tlabt commission minghand Stephen Buhagiar. Naqblu li fl-istqarrija tieghek inti m'ghedtx il-verita' rigward dan is-suggett?***

***T. Aktar milli m'ghedtx il-verita' nghid illi ma kontx précis. F'din l-ahhar sena ghaddejt minn hafna affarijiet u allura Ghandi hafna affarijiet fuq mohhi.***

***M. Bhalma smajt f'dan l-ufficcju, quddiemek stess Stephen Buhagiar allega li qabel ma nghata l-kuntratt ta' contracts manager mal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema, inti kont f'okkazjoni minnhom tlabtu jaghtik commission fuq l-ammont li kellu jibda jaqla' fix-xahar. Veru dan?***

***T. Iva.***

***M. Tista jekk joghgbok tispjega kif graw l-affarijiet?***

***T. Niftakar lid an kollu kien gara fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema u dan peress li Stephen Buhagiar kien ikun hemm kulljum qabel ma nghata l-kuntratt. Nikkonferma li lil Stephen Buhagiar kont stqasejtu jekk kienx lest jaghtini persentagg mill-ammont li kellu jaqla' fix-xahar. Ghandi nghid li minix cert jekk din it-talba ghamilthiex lejn l-ahhar meta kien gie deciz li l-contracts manager jinghata ammont fix-xahar jew qabel meta kien qed jigi diskuss li l-contracts manager jinghata persentagg fuq il-kuntratti***

***li kellu jaghmel supervision taghhom. Naf zgur li tlabtu commission u din kont tlabtha qabel ma Stephen Buhagiar inghata l-kuntratt.***

***M. Kemm il-darba ghaddielek commissions is-Sur Stephen Buhagiar?***

***T. Qatt.***

***M. Ghaliex qatt?***

***T. Meta tlabtu jaghtini commission Stephen Buhagiar ma kienx accetta t-talba tieghi. Minkejja dan, meta gejna ghall-vot, jien ivvutajt favurih minkejja li kont naf li ma kienx accetta li jaghtini commission. Mistoqsi nispjega ghalfejn jien ivvutajt favur Stephen Buhagiar minkejja li ma kienx accetta li jaghtini commission nghid li hu kien ghenni fil-kampanja elettorali u kont tajtu kelma li nivvota favurih u kelli wkoll pressjoni minn awtorita' gholja. . . .".***

Illi kif diga` inghad aktar il-fuq, id-difiza fit-trattazzjoni taghha ma kkontestatx il-provi migjuba izda l-punt ta' kontestazzjoni kienet prettament legali u cioe` illi l-artikolu li ghandu japplika ghal dan il-kaz kien erronjament indikat fl-Artikoli tal-Avukat Generali u cioe` minflok l-Artikolu 115(a) kellu jigi applikat l-Artikolu 115(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew xi artikoli iehor tal-Kap. 9.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser tezamina bid-dettall l-elementi ta' dan ir-reat ta' korruzzjoni sabiex tasal ghall-konkluzjoni liema sub-inciz ta' dan l-Artikolu japplika.

Illi biex jissussisti dan ir-reat, iridu jigu ppruvati erba' elementi essenzjali u cioe':

i) In-natura ufficjali jew pubblika tal-persuna li ser tigi korrotta;

ii) Li dik il-persuna tablet, rceviet jew accettat flus jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma kienux dovuta skont il-ligi;

iii) Li dan sar in konnessjoni mal-kariga jew impjieg; u

iv) Li dan sar bl-iskop li dik il-persuna taghmel jew ma taghmilx d-dmir taghha.

Illi l-ewwel element essenzjali ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat huwa n-natura ufficjali jew pubblika ta' l-impjieg tal-persuna li qed tigi korrotta. Illi l-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali jghid hekk:

***"The character of public officer or person employed under the Government is the first essential of this crime. The wording is very wide and embraces all officers or employees under the Government . . . It includes all public officers or employees whether their duties are judicial, ministerial or executive or mixed".***

Illi dwar din it-tifsira l-Artikolu 92 jghid hekk:

***"Taht il-frazi generali 'ufficjali pubbliku' jidhlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, civili u militari, izda wkoll dawk il-persuni kollha li huma mahtura skont il-ligi sabiex jamministraw xi parti tas-setgha ezekuttiva tal-Gvern, jew biex jezegwixxu xi dmir iehor pubbliku impost mill-ligi, sew guzizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra".***

Illi jinghad, illi ghalkemm fi zmien il-Profs Mamo, il-Kunsilli kienu ghadhom ma jezistux, hareg car u gie ippruvat f'dawn il-proceduri illi Nicholas Dimech kien effettivament ufficjali pubbliku meta kien jokkupa l-kariga ta' Sindku ta' tas-Sliema ghaliex kif kulhadd jaf, il-kariga ta' Sindku ta' lokalita` hija kariga ezekuttiva li tikkoncerna dik il-lokalita` partikolari. (ara fol 120 tal-process). Illi ghalhekk l-ewwel rekwizit huwa sodisfatt.

Illi t-tieni u t-tielet rekwiziti jistghu jintrabtu flimkien u ugwalment il-Qorti thoss li dawn gew ippruvati u dan ghaliex jekk terga' ssir referenza ghat-tieni stqarrija tal-

imputat li ssemmiet aktar il-fuq f'din is-sentenza, fejn l-imputat jistqarr illi huwa kien li ppropona lil Stephen Buhagiar biex jaghtih persentagg tal-qliegh tieghu meta dan jiehu l-kuntratt ta' 'contracts manager' wara li jittiehed il-vot fil-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema. Illi rrizulta wkoll mix-xhieda tal-istess Stephen Buhagiar, li tali offerta ma gietx accettata minnu.

Illi r-raba' rekwizit u cioe` illi din l-offerta jew weghda trid issir sabiex l-ufficjal pubbliku jaghmel jew jonqos li jaghmel dmiru hija proprju l-fulkru tal-kontestazzjoni tad-difiza aktar u aktar meta tara li din giet abbinata fin-nota tal-Artikoli tal-Avukat Generali mas-subinciz (a) tal-istess Artikolu 115 tal-Kap 9 li jghid hekk:

***" (a) jekk l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew ta' l-offerta, ikun sabiex l-ufficjal jew l-impjegat jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta' prigunerija minn . . . ".***

Il-Qorti semghet bir-reqqa l-argument tad-difiza fit-trattazzjoni taghha, izda sfortunatament ma tistax tikkondividi l-argument taghha. Illi fil-kaz in ezami rrizulta illi Nicholas Dimech ippropona illi Buhagiar, appena jiehu t-tender (li anke kien ghenu xi ftit l-istess imputat sabiex jasal ghal prezz tajjeb) dan jibda jaghtih persentagg tal-qligh tieghu kull xahar, xi haga li l-istess Buhagiar irrifjuta. Illi kif diga` inghad aktar 'il fuq, din il-Qorti qeghda tistrieh fuq it-tieni stqarrija tal-imputat bhala l-aktar wahda veritjiera, fl-ewwel lok ghaliex din qatt ma giet zmentita mill-imputat sussegwentement u fit-tieni lok ghaliex dan kollu gie korroborat u kkonfermat mix-xhieda tal-istess Stephen Buhagiar.

Illi l-argument li jrid isir f'dan l-istadju huwa wiehed semplici, u cioe` x'kien l-obbligu tas-sindku Nicholas Dimech fil-process tat-tender in kwistjoni u fil-mument li gie adgudikat it-'tender' f'dik il-laqgha tal-Kunsill ta' tas-Sliema. L-irwol tas-Sindku huwa wiehed li jara li l-procedura adegwata tigi osservata u li tara li t-'tender' jigi adgudikat b' mod korrett. Fil-fatt l-offerta ta' Stephen Buhagiar kienet mhux biss l-aktar wahda rhisa, izda dan

kien ukoll mar oltre' peress li kien ipprezenta ukoll skeda tax-xoghlijiet li l-ohrajn ma kienux ghamlu (Dok SC 4 a fol 165), tant illi wara din l-evalwazzjoni kien l-istess Buhagiar li rebah it-'tender' kif fil-fatt hien haqqu w anke kif jixhed l-istess dokument immarkat SC3 (a fol 163).

Mela allura jirrizulta illi f'dan il-kaz tal-ghoti tat-'tender' lil Stephen Buhagiar, l-akkuzat Nicholas Dimech verament ghamel dak li kien fid-dmir li jaghmel u cioe` li jara li l-process tat-tender kien segwa l-proceduri stabbiliti, li jkun prezenti fis-seduta tal-ghoti tat-tender nhar is-7 ta' Settembru 2009 (ara Dok SC 9 a fol 179), li jissorvelja l-andament tal-laqgha li kollox imur skont il-procedura u li effettivament it-tender' jinghata lill-offerta l-aktar vantagguza. Fil-fatt din l-offerta ta' Buhagiar giet approvata b'sitt voti favur u tliet astensjonijiet bl-unika kontestazzjoni kienet li Stephen Buhagiar huwa mis-Swieqi mentri kontestant iehor kien minn Tas-Sliema stess ghalkemm kellu offerta aktar gholja.

Illi d-difiza gabet assimiljanza ta' dan il-kaz ma dak tal-eks Prim Imhallef Noel Arrigo (*deciza 20.05.2010 Ir-Repubblika ta' Malta v. Noel Arrigo App Krim*) fejn dan kien gie kkundannat u misjub hati taht l-Artikolu 115 (b) u ghalhekk qed tghid id-difiza illi f'dan il-kaz semmaj hekk ghandu jkun u ghalhekk din il-Qorti qatt ma tista' ssib htija hekk kif l-Avukat Generali imposta l-Artikoli.

Illi ghal darb'ohra din il-Qorti ma taqbilx u dan ghaliex fil-kaz tal-eks Prim Imhallef Arrigo rrizulta li dan ha l-flus minghand Mario Camilleri u effettivament naqas milli jaghmel dmiru ghaliex kif gie kkonfermat anke fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, is-sentenza tieghu kienet wahda hazina ghaliex l-istess Gudikanti akkuzati kienu ezercitaw id-diskrezzjoni moghtija lilhom fil-Ligi mhux ghal ragunijiet premessi fil-Ligi izda ghaliex kien hemm il-korruzzjoni. Ghaldaqstant, l-eks Prim Imhallef Noel Arrigo f'dak il-kaz kien ezercita d-diskrezzjoni tieghu b'mod hazin kif deskritt izjed il-fuq u ghaldaqstant jista' jinghad illi huwa naqas milli jaghmel dak li hu kien fid-dmir li jaghmel (Artikolu 115(b)).

Illi minn naha l-ohra, fil-kaz ta’ Sindku ta’ Kunsill Lokali f’dik ic-cirkostanza tal-ghoti ta’ ‘tender’, m’hemmx wisq diskrezzjoni x’tezercita u f’dak il-kaz l-imputat effettivament ghamel dak li fid-dmir kellu jaghmel u addgudika it-tender lill-minn kien haqqu. Kien ikun differenti kieku it-tender gie adguikat lill-persuna li ma kienx haqqa u dan minhabba li kien hemm il-korruzjoni.

Illi ghalhekk l-akkuza taht l-Artikolu 115 (a) fil-fehma tal-Qorti giet ippruvata.

Illi a rigward it-tieni akkuza u cioe` tal-ingurja kontra ufficjali pubbliku taht l-Artikolu 95 (1) tal-Kap 9, il-Qorti rat ix-xhieda tal-Ispettur Gafa` u l-kopja tal-artikolu tal-gurnal Malta Today a fol. 80 u tas-Sunday Times a fol 82 tal-process u tinnota li l-allegazzjonijiet hemm kontenuti li kienu maghmulin mill-istess imputat, huma allegazzjonijiet li rrizulta f’dawn il-proceduri li huma inveritjieri kemm ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-kwistjoni tal-access ta’ avukat, kemm ghal dak tal-‘inhaler’ u kemm ghal qaghda tal-istess imputat fil-‘lock up’ tad-Depot meta kienu qeghdin jittiehdulu l-istqarrijiet. Izda ghalkemm taqbel li dak li ghamel l-imputat f’dawk iz-zewg intervista, seta’ facilment tefa’ dell ikrah fuq il-professjonalita` tal-ufficjal prosekutur jew tal-korp tal-pulizija in generali, certament ma jinkwadrax fl-ambitu tal-Artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi ghalhekk ma tistax issib htija fuq din it-tieni akkuza.

Illi a rigward l-ewwel akkuza u meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ma tistax tinjora l-gravita` ta’ dana ir-reat. B’referenza ghal dan, il-Professur Mamo jghid hekk:

***“The punishment attached to an offence so dangerous, so easily perpetrated, so hard to be discovered ought to be such as rigorously to exclude the temptation to sacrifice duty to gain”.***

Ugwalment fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Camilleri et. (30.7.2009 Q.App)** il-Qorti qalet hekk:

***“Fil-kaz tar-reat ta’ korruzzjoni ta’ ufficcjal pubbliku – reat li huwa generalment difficli li jigi skopert, propju ghax il-pactum sceleris ikun jinstiga liz-zewg partijiet ghas-silenzju . . . ghandu jipprevali l-element tad-deterrent u cioe` li min jinqabad ghandu jkollu c-certezza ta’ piena ta’ prigunerija b’effett immedjat”.***

Illi ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 18, 115(a), 119, 95(1), 10, 17, 23, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat Nicholas Dimech hati biss tal-ewwel (1) akkuza u tikkundannah ghal sena (1) prigunerija. Il-Qorti qed timponi wkoll l-interdizzjoni generali perpetwa u dan skont l-Artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll interdizzjoni milli l-imputat jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------